# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa 10 ta' Marzu, 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1756/2020TA**

**Raymond Caruana (K.I. 168178M)**

**Emanuel u Antoinette konjugi Camenzuli (K.I. 358560M u 335062M rispettivament)**

**Joseph Caruana (K.I. 554351M)**

**Giuseppa sive Joyce Tabone (K.I. 775260M)**

**vs**

**(i) Eman Ciantar – 249298M**

**(ii) Joseph Ciantar – 354867M**

**(iii) Michael Bonello – 73483M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Raymond Caruana u oħrajn tal-14 ta' Diċembru 2020;

.
Rat ir-risposta ta' Michael Bonello tal-11 ta' Frar 2021;

Rat li permezz ta' nota tal-1 ta' Marzu 2021 ir-rikorrenti ċedew dawn il-proċeduri fil-konfront ta' Eman u Joseph Ciantar filwaqt li żammewhom fermi fil-konfront ta' Michael Bonello;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Marzu,2021 ir-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Konsiderazzjonijiet**

Il-fatti fil-qosor jista' jingħad li r-rikorrenti għandhom xi garaxxijiet aċċessibbli minn entratura 104 u 109 fi Triq il-Kbira fiż-Żejtun. Dawn huma parti minn kumpless ta' garaxxijiet li jagħtu għal fuq bitħa. Riċentement l-intimat Michael Bonello beda jagħmel xi tħammil fl-imsemmija (ara a' fol 5 sa 7). Ir-rikorrenti qed jinsistu li huma wkoll kopropjetarji tal-ambjenti kollha ta' dan il-kumpless inkluż tal-imsemmija bitħa. Jgħidu li akkwistawh bil-kuntratti li ġew esebiti minnhom (ara a' fol 36 sa 45).

L-intimat minn naħa tiegħu jinsisti li huwa għandu kull dritt jagħmel dawn ix-xogħolijiet. Jgħid li huwa akkwista din il-bitħa ukoll permezz ta' kuntratt (ara a' fol 27). Jgħid li meta xtara din il-bitħa, xtraha libera u franka salv għal piżijiet imsemmija fil-kuntratt ta' akkwist tiegħu.

Il-Qorti tagħmilha ċara li ma hux kompitu tagħha f'dawn il-proċeduri li tidħol fil-mertu sostanzjali ta' bejn il-partijiet għal dawn il-proċeduri (Ara **digriet Maleth Aero (AOC) Limited -vs- KV MSN 28733 Aircraft Designated Activity**

**Company**). Di piu' tintlaqa' jew ma tintlaqax talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta'Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**).

Kull ma jeħtieġ li jkun ipprovat ai fini ta' dawn il-proċeduri hu, li r-rikorrent jirnexxilu jipprova li għandu prima facie dritt xi jħares u li jekk isir dak li qed jintalab li jkun miżmum isofri preġudizzju prima irrimedjabbli. (**Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92) u Victor Mizzi vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs Fithome Limited**).

Jidher ċar li l-vertenza li għandhom bejniethom tirrigwarda l-kuntratti rispettivi tal-partijiet bil-mod kif jipprovdu dwar din il-bitħa. Fuq stregwa tat-tagħlim fuq imsemmi ma hux xogħol din il-Qorti li tippronunzja ruħha dwar dawn il-pretensjonijiet tal-partijiet. Din il-Qorti saħqet kemm-il darba li dawn il-proċeduri ma għandhomx ikollhom rifless fuq il-mertu għax altrimenti jistgħu jintużaw quddiem dik il-Qorti li tiġi adita li tisma' dwar il-mertu fil-fond. Li ma kienx hekk l-artikolu 736 tal-Kap 12 jiddisponi li *ebda waħda mir-raġunijiet ta' rikużi msemmijin fl-artikolu 734 ma żżomm lill-imħallef milli jiffirma, meta meħtieġ, rikorsi, sew ġuramentati sew le, u mandati.* Dan huwa maħsub sabiex ma titqanqal ebda rikuża għas-sempliċi fatt li l-Imħallef ikun iffirma rikors inkluża għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, bħal ma hu l-mandat ta' inibizzjoni. Lil hinn minn hekk jista' jkun hemm lok għal rikuża.

Mill-argumenti mressqin mill-partijiet jidher li l-kwistjoni hija dwar kif għandhom ikunu rikonċiljati u interpretati l-kuntratti rispettivi tal-partijiet dwar din il-bitħa. (Ara **Digriet tal-Prim Awla fl-ismijiet Maurice Farrugia et -vs- D'Aniens Deveolpments Ltd tat-13 ta' Marzu 2019**). Għalhekk biss, ukoll jirrisulta li r-rikorrenti għandhom *prima facie* dritt xi jħarsu, għaliex dan l-aspett tal-vertenza jinċidi fuq il-pretensjoni sostanzjali. Imma fid-dawl ta' dak fuq spjegat ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tidħol f'din il-vertenza.

Jirrisulta ukoll għalhekk, li anke l-irrimedjabbilta' tad-danni tirrisulta. Jista' jkun argumentat li r-rikorrenti ma huma ser isofru ebda danni f'dan is-sens għaliex jekk jirriżulta li għandhom raġun dejjem jistgħu jitolbu t-twaqqiegħ u rimozzjoni tax-xogħolijiet li jsiru. Imma dawn il-Qrati anke f'dan ir-rigward sostnew li dan l-element partikulari jesisti, għaliex ma għandux mis-sewwa li min għandu raġun ikollu jidħol għal azzjoni oħra b'daqstant spejjes, skariġġi u inkomodu li jġib miegħu t-twaqqiegħ u rimozzjoni ta' stabbli u opri tal-bini. Di fatti artikolu 873(4) jipprovdi għal rimedju biex tempestivament jitneħħew xogħolijiet meta dak li jkun jaġixxi bi ksur ta' kull ordni mogħtija mill-Qorti fi proċeduri bħal dawn. Dan l-artikolu huwa maħsub mhux biss biex tkun osservata l-ordni tal-Qorti iżda sabiex ma tkunx maħluqa sitwazzjoni ta' fatt kompjut li wara jkun diffiċli li jitreġġa' lura.

Għalhekk huwa ċar, li jesistu l-elementi kollha neċessarji sabiex din il-Qorti tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat Michael Bonello biss.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti, filwaqt li qed tvarja d-digriet provvisorju tagħha tal-14 ta' Diċembru 2020 billi tikkonfermah fil-konfront ta' Michael Bonello biss, qegħdha tilqa' definittivament it-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni opportun kontra Michael Bonello biss, biex ma jagħmel xejn minn dawk il-ħwejjeġ imsemmija fir-rikors ta' Raymond Caruana u oħrajn fir-rikors tagħhom tal-14 ta' Diċembru 2020.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-intimat Michael Bonello.

**Mogħti kameralment illum 10 ta' Marzu, 2021.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**